**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Clayton Camilleri]**

**vs**

**Gordon Mangion**

**Kumpilazzjoni Numru: 50/22**

**Illum, 1 ta' Marzu, 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Gordon Mangion detentur tal-karta tal-identita` numru 484385 akkuzat talli nhar is-16 ta' Jannar 2022, fis-siegha ta' wara nofsinhar, gewwa il-parkegg ta' Ghar Lapsi, Siggiewi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Kevin Barbara f'periklu car, ikkagunalhu hsara fil-gisem jew

fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk skond ma gie ccertifikat minn Dr Jordy Borg M.D. (Reg. No. 4690) minn Paola Health Centre *bi ksur tal-**Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta **Artikolu 338(dd) ta Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta**

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi hebb kontra persuna/i sabiex tjngurjawhom, idejjaqhom jew jghamel hsara lil dawn il-persuna/i jew lil haddiehor, kemm-il darba 'l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminial u dan bi ksur ta **Artikolu 339(1)(d) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-***Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmi Kevin Barbara u tapplika l-provedimenti *tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta* u tohrog ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 214, 215, 216, 308 u 338(dd), 339(1)(d), 533, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni u stante illi l-imputat ikkonferma l-akkuzi kif dedotti anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha u wara li l-Qorti wissietu bi kliem semplici l-import tal-piena li jista' jehel, il-Qorti qed issib lill-imputat Gordon Mangion hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li

ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum, flimkien ma' Ordni ta' Trazzin ghal tliet (3) snin u kif ukoll liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**